MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2013

Numru. 562/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Alexander Grech**
**Spettur Pierre Grech**

**vs**

**Rodrick Muscat**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Rodrick Muscat ta’ 22 sena, iben George u Maria Teresa nee’ Gatt, imwieled Pieta’ nhar is-27 ta’ Settembru 1987 u residenti 51A, Flt 1, Sqaq Brittaniku nr. 1, Tarxien, ID card nr. 436087M gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F’dawn il-Gzejjer fil-lejl tas-6 ta’ Gunju 2010 ghall-habta ta’ l-10.20pm waqt li kien gewwa Triq Sammat, Tarxien :

a) Rrenda ruhu komplici f'delitt billi b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lil awtur fl-att li bihom id-delitt gie ippreparat u kkunsmat, u dan bi ksur ta' l-artikolu 42(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta
b) Naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) Sar recidiv wara sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-14 ta' Dicembru 2009 mill-Magistrat Dott. C. Scerri Herrera LL.D, liema decizjoni saret definittiva.

d) Kiser il-kundizzjoni imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-perjodu operativ ta' sentenza sospiza.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tipprovdi ghas-sigurta' ta' PC 599 Clive Mangion u l-familjari tieghu.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena stabbilita mill-Ligi tirrevoka l-beneficcju tal-helsien mill-arrest moghti lil Rodrick Muscat u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-istess Rodrick Muscat, u dan ai termini ta' l-artikolu 579(3) tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 8 ta' Gunju 2010 (esebit *a folio* 3 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2010 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;
Semghat l-ammissjoni registrata mill-imputat waqt l-udjenza tat-28 ta' Settembru 2012 ghall-imputazzjonijiet immarkati bhala 'b'. 'c' u 'd'.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident li nqala fis-6 ta' Gunju 2010 ghall-habta tal-10.15pm fi Triq Sammat, Hal-Tarxien fejn PC599 Clive Mangion li huwa kuntistabbli stazzjonat fid-Drug Squad gie aggredit minn certu Clayton Azzopardi fejn dan tal-ahhar kien akkompanjat mill-imputat Roderick Muscat. PC 599 li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenzi tas-17 ta' Gunju 2010 u tad-29 ta' Ottubru 2010 spejga li malli kien ser jipparkeggja il-vettura personali tieghu fit-triq imsemmija giet vettura tal-marka Opel Astra f'liema vettura kien hemm Clayton Azzopardi u l-imputat. PC 599 spjega li Clayton Azzopardi beda' joffendih mit-tieqa u jghidlu li l-parking space kien tieghu u jakkuzah li hadulu. Dejjem skond dan ix-xhud Clayton Azzopardi imbaghad ipparkeggja l-vettura tieghu ftit 'il fuq u nizel mill-vettura flimkien ma Roderick Muscat u Azzopardi kompla joffendih u jghidlu li jaf li hu Pulizija, li jaf fejn joqghod u li ma kienx ser ihallih bi kwietu. Azzopardi mbaghad ta daqqa ta' ponn fuq il-bonnet tal-vettura ta' PC 599 u flimkien mal-imputat beda' miexi wara x-xhud u kompla joffendih sakemm imbaghad xejjirlu daqqa b'idu x-xellugija f'rasu. PC 599 jghid li huwa baqa' sejjer l-Ghassa jaghmel rapport u mbaghad mar il-policlinic jaghmel certifikat mediku. Dan ix-xhud spjega li Roderick Muscat lilu la kellmu u l-anqas messu u kull ma ghamel kien li mexa' warajh flimkien ma Clayton Azzopardi.

Illi Clayton Azzopardi li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-28 ta' Settembru 2012 sostna li fil-gurnata in dizamina huwa kien fis-sakra  u waqt li kien ghaddej bil-vettura tieghu mit-triq fejn joqghod l-imputat dahal fil-bankina u faqa' t-tyre u huwa ghalhekk mar ihabbat fuq il-bieb tal-imputat sabiex isuqu d-dar izda dan tal-ahhar qallu li ma setghax johrog mid-dar ghaliex kien marbut bil-kundizzjonijiet tal-bail izda mbaghad mar iwasslu d-dar. Azzopardi jghid li l-imputat ma kellu x'jaqsam xejn fl-incident ma PC 599 u nzerta biss kien mieghu u ser

jaqbad jimxi d-dar meta nqala’ l-imsemmi ncident mal-kuntistabbli.

L-imputat ghazel li ma jixhidx f’dawn il-proceduri izda fis-7 ta’ Gunju 2010 kien irrilaxxja stqarrija fejn ikkonferma li ghall-habta tad-9.30pm kien qieghed il-kazin ma Clayton Azzopardi fejn dan tal-ahhar kien qed jixrob  u li mbaghad huma telqu d-dar bil-karozza ta’ Azzopardi fejn dan laqat persuna bil-vettura u mbaghad huma baqghu sejrin. L-imputat izda cahad li kien prezenti meta Clayton Azzopardi kellu argument ma’ PC 599.

Ikkunsidrat:

Illi kif diga’ gie ndikat aktar ‘il fuq l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet immarkati bhala b, c u d u cioe’ dawk fejn huwa qed jigi akkuzat li kiser il-kundizzjonijiet tal-bail imposti fuqu minn din il-Qorti permezz ta’ digriet tas-27 ta’ April 2010, li huwa recidiv u li kkommetta reat waqt perijodu operattiv ta’ sentenza sospiza. Dawn l-imputazzjonijiet jirrizultaw lkoll pruvati sal-grad rikjest mill-ligi u l-imputat ser jinstab hati taghhom.

Illi permezz tal-ewwel(1) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li rrenda ruhu komplici f’delitt billi xjentement ghen jew assista lill-awtur fl-atti li bihom id-delitt gie preparat u kkunsmat u dan bi ksur tal-Artikolu 42 (d) tal-Kodici Kriminali. L-imputat qieghed jigi akkuzat ghalhekk li rrenda ruhu komplici ma’ Clayton Azzopardi fil-perpetrazzjoni tar-reati kontemplati fl-Artikoli 91, 95 u 96 tal-Kodici Kriminali meta dan hebb u agredixxa lil PC 599. Il-Prosekuzzjoni tirritjeni li l-imputat irrenda ruhu komplici ma’ Clayton Azzopardi billi kien prezenti mieghu meta dan agredixxa lil PC 599 u m’ghamel xejn sabiex iwaqqfu. Din il-Qorti ma taqbel xejn mat-tezi tal-Prosekuzzjoni f’dan ir-rigward stante li mill-provi migjuba mill-istess Prosekuzzjpni f’dan il-kaz jirrizulta li l-imputat ghalkemm kien prezenti fl-incident li Azzopardi kellu ma PC 599 huwa ma qal xejn lil dan tal-ahhar u l-anqas b’xi mod hebb ghalih jew agredih. Dan jirrizulta mill-istess xhieda ta’ PC 599. Il-Qorti taqbel mad-Difiza li l-imputat ma kellu l-ebda obbligu legali li jaghmel xi haga sabiex iwaqqaf lil Azzopardi milli jkompli

jhebb ghal PC 599 u milli jkompli joffendih ghaliex huwa m'huwiex persuna li ghandu l-obbligu skond il-ligi li jara li dawk ir-reati ma jsehhux. Il-Prosekuzzjoni l-anqas ma rnexxilha ggib xi prova li l-imputat u Azzopardi kienu ftehmu minn qabel li jhebbu jew jagredixxu lil PC 599. Il-Qorti jidrilha li l-mera prezenza tal-imputat waqt li Azzopardi kien qed jagredixxi u jhebb ghal PC 599 ma tistghax titqies li kienet tikkonsisti f'xi forma ta' assistenza jew ghajnuna f'tali aggressjoni u ghalhekk l-imputat ma jistghax jinstab hati tal-ewwel(1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat huwa recidiv izda kkunsidrat ukoll il-fatt li l-addebitu tar-recidiva jirreferi ghall-reati konnessi mat-traffiku u sejra ghalhekk timponi piena karcerarja fil-massimu in kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni mmarkata bhala b u ser tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 28B(2)(b) in kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni mmarkata bhala 'd'.
Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 579(2), 31, 49, 50 u 28A sa H tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet mmarkati bhala 'b', 'c' u 'd' u tikkundannah disa'(9) xhur prigunerija u tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' tmien mitt Ewro (€800) liema ammont gie mholli bhala depozitu skond id-digriet ta ghoti tal-helsien mill-arrest tas-27 ta' Aptil 2010. B'applikazzjoni tal-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kodici Kriminali l-Qorti testendi l-perijodu operattiv moghti fis-sentenza tat-12 ta' Mejju 2010 ghall-perijodu ta' erba'(4) snin millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni mmarkata bhala 'a' u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------